MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2010

Numru 221/2009

Il-Pulizija
(Spettur Ivan Cilia)

vs

Jason Rene' Cutajar

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat ta' karta ta' identita' numru 482272M, akkuzat talli f'Novembru 2008 u fis-snin u xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a. approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, u cioè s-somma ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tlettin centezmu (€2,329.37), li giet fdata jew ikkunsinnjata lilu minhabba l-professjoni, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu

taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li sar uzu minnha specifikat.
b. fl-istess dati, lokalitaijiet u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tlettin centezmu (€2,329.37) bi hsara tal-Gvern ta' Malta u/jew tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Safi.
c. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku illi ghal xi vantagg privat tieghu, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern, jew tal-Kunsill Lokali ta' Hal Safi jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu.
d. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku illi minhabba l-kariga jew impjieg tieghu kien fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz.
e. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel uzu minn dikjarazzjoni falza jew certifikat falz.
f. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni hu insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Apparti l-ammissjoni tal-imputat registrata fl-udjenza tal-lum, hemm l-istqarrija tieghu, li tinsab esebita in atti, fejn hemm spjegat l-operat tieghu meta kien fil-kariga ta' segretarju esekuttiv tal-Kunsil Lokali ta' Hal-Safi, u li ma thalli ebda dubbju dwar il-htija tieghu ghall-akkuzi riportati kontra tieghu.

Intant l-ammissjoni tal-lum hi wahda volontarja u inkondizjonata.

Konsegwentement u wara li rat l-Artikolu 18, 127, 185(1), 186, 188, 293, 294, 308, 309, 310 u 17 dwar il-konkors ta' reati tal-Kap 9, tikkundannah terminu ta' prigunerija ta' sentejn.

Wara li kkonsidrat li l-imputat radd lura l-flus kollha li kiseb illegalment tordna li l-perjodu ta' prigunerija jibqa' sospiz ghall-erba' snin mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor fi zmien erba' snin mill-lum.

Rat l-Artikolu 190 tal-Kap 9 u tordna l-interdizzjoni perpetwa tal-akkuzat. Tordna wkoll il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 10(7) tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza ai terminu tal-Artikolu 28(4) tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------